# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 406/97

Teresa Farrugia

vs

Dipartiment tas-Sahha u c-Chairman tal-Public Service Commission u l-Onorevoli Prim Ministru li gew kjamati fir-rikors b' digriet tal-11 ta' Dicembru 1998 u d-Direttur tax-Xoghol li gie kjamat fir-rikors b' digriet tas-27 ta' Jannar 2000

Illum 26 ta' Gunju, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi garrbet ingustizzja meta fil-1989-90 ma gietx impjegata bhala Hospital

Auxiliary minghajr raguni valida u ghalkemm kienet kwalifikata ghall-post.

Illi r-rikorrenti applikat ghall-post ta' Hospital Auxiliary skond is-sejhiet li saru fil-1989-1990. Hija ma intaghzilitx ghaliex qalulha li hija kellha zewg certifikati medici neqsin meta hija kienet tahdem u ma kienetx marret ghax-xoghol ghal xi zmien. Fil-fatt iz-zewg certifikati kienu neqsin ghaliex f'dawk il-gimghatejn ir-rikorrenti kienet rikoverata l-isptar ghaliex kienet marida. Minflok dak il-fatt gie vverifikat ir-rikorrenti tellfuha l-opportunita' li tigi impjegata mhabba l-allegat nuqqas li ma kienx nuqqas xejn.

Illi r-rikorrenti kienet kwalfikata ghax-xoghol ta' Hospital Auxiliary ghaliex qabel ma izzewwget hija hadmet tlett snin bhala "nurse".

Illi lir-rikorrenti telfuha l-impieg ingustament.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet li t-Tribunal jinvestiga l-ilment imsemmi skond l-att VIII tal-1997 u jiddeciedi li saret ingustizzja mar-rikorrenti meta ma inghatatx l-impieg ta' Hospital Auxiliary fil-1989-90 u jiddeciedi li jaghti rimedju xieraq billi jordna li ghandha tinghata dak l-impieg u ghandha tinghata ammont iffissat mit-Tribunal bhala kumpens ghat-telf finanzjarju li r-rikorrenti garrbet mhabba l-ingustizzja imsemmija.

Ra l-lista ta' xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi it-tabib Principali tal-Gvern ma hux legittimu kontradittur u ghalhekk gie mharrek inutilment stante illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet sabiex jimtlew postijiet vakanti mal-Gvern ssir mill-Kummissjoni dwar is-servizz Pubbliku. Il-Bord ta' l-ghazla huwa mahtur mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u I-eventwali hatriet ta' dawk maghzula mill-Bord ssir mill-Prim Ministru fuq eventwali hatriet ta' dawk maghzula mill-Bord ssir mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Di piu' tali procedura hija insindikabbli ai termini ta' l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Ra l-lista ta' xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepixxa illi:

1. Illi, fil-konfront tal-Kummissjoni dan it-Tribunal m' ghandux gurisdizzjoni ghaliex it-Tribunal hu prekluz li jinvestiga l-validita` ta' dak kollu li ghamlet jew taghmel il-Kummissjoni dwar Pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha u dan skond l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta.

2. Illi ma jirrizultax lill-Kummissjoni li r-rikorrenti, is-Sinjura Teresa Farrugia qatt ghamlet xi petizzjoni lill-Prim ministru kif setghet taghmel taht il-klawsola 1.1.7 ta' l-Estacode dwar l-ilment relatat mal-hatra ta' Hospital Auxiliary. Il-Kummissjoni qed tirrileva dan ghall-fini ta' l-artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

3. Illi, minghajr pregudizzju jinghad li fis-7 ta' Marzu 1990, kienet saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-mili ta' ghadd ta' postijiet fil-Gruppi Industrijali 'B' u 'C' (Cirkulari ta' l-OPM Nru. 24/90). Dawn il-postijiet kienu fil-grad ta' Hospital Auxiliary, Health Attendant u Drainage Worker. Ir-rikorrenti applikat ghal Hospital Auxiliary.

4. Illi, mir-rapport tal-Bord ta' l-Ghazla jidher li r-rikorenti nstabet mhix eligibbli.

Ra r-risposta tad-Direttur tax-Xoghol li eccepixxa:

Illi ir-rikorrent gie kjamat minn dan t-Tribunal permezz ta' digriet datat 27 ta' Jannar 2000.

Illi ir-rikorrent gie kjamat inutilment stante illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur fir-rikors promotur peress li s-sejha ghall-applikazzjonijiet li minnha qeghda tilmenta r-rikorrent kienet inharget mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u mhux mir-rikorrenti, il-Bord tal-Ghazla gie mahtur mill-Kummissjoni dwar is-Servizz pubbliku u l-ghazla tal-applikanti saret ukoll fuq

rakkomandazzjoni ta' din l-istess Kummissjoni li l-funzjonijiet taghha huma insindikabbli mill-qrati u dan a tenur tal-art 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi di piu' l-unika responsabbilita' li taqa' taht id-Dipartiment tax-Xoghol tirrigward biss l-ghoti ta' informazzjoni dwar kemm kienet tirregistra r-rikorrent.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Ghaldaqstant il-kjamat fil-kawza talab li dan t-Tribunal joghgbu jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra r-risposta ta' l-intimati et li eccepew:

1. Illi r-rikors gie pprezentat fuori termine kontra l-intimat et u dan a tenur ta' l-artikolu 9 ta'l Att Nru VIII tal-1997.

2. Illi minghajr pregudizzju ghar-risposta suesposta, l-intimati et izommu fermi r-risposti minnhom diga pprezentati.

3. Salv risposta ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi dwar l-eccezzjoni tat-Tabib Principali tal-Gvern, l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, l-eccezzjoni tad-Direttur tax-Xoghol, dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet "John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha" deciza fis-7 ta' Mejju, 1998 u ghall-istess ragunijiet hemm imsemmija jichad din l-eccezzjoni.

Illi r-rikorrenti ikkonfermat l-kontenut tar-rikors bil-gurament. Bejn l-1961 u l-1963 kienet tahdem bhala nurse fl-Isptar Mentali ta' Malta. Imbaghad fl-24 ta' Novembru 1963 izzewwget. Dak iz-zmien kienet diga` bdiet il-kors tan-nursing izda kella tohrog ghax izzewwget.

Fis-27 ta' Frar 1990, kienu hargu l-applikazzjonijiet ghall-post ta' hospital auxiliaries. Sabiex wiehed kien jista' japplika, ried ikun ilu jirregistra mit-3 ta' Ottubru tal-1989. Sa dak iz-zmien kienet ila tirregistra xi sitt snin. Applikat u ghamlet l-interview Ghawdex stess.

Ir-raguni li tawha ghala ma ntghaziltx kienet li kella zewg certifikati medici mill-Isptar neqsin meta hi ma kienitx marret tirregistra. Sabiex tiggustifika l-fatt li ma tmurx tirregistra, kienet trid tipprezenta certifikat. Sostnit li dawn ic-certifikati kienet baghatithom izda huma qalu li ma sabuhomx. Ipprezentat

zewg certifikati wiehed minnhom datat 13 ta' Jannar 1992 u mahrug mit-Tabib Martin Cutajar fejn jghid x'kien gralha fl-1989. Dan kien it-tabib li kienet taht idejh. Ipprezentat wkoll certifikat mahrug mill-Medical Superintendant, Gozo General Hospital fejn hemm dikjarat li mir-records ta' l-Isptar jirrizulta li fit-2 ta' Lulju 1989, fil-fatt kienet l-Isptar.

Qalet "Irrid nghid li c-certifikati neqsin li huma msemmija fir-rikors, huma c-certifikati li jiena baghat lill-Labour Office sabiex niggustifika ghala ma mortx nirregistra darbtejn.

Meta ghidt fir-rikors li jien ghamilt hmistax-il gurnata rikoverata l-Isptar, ridt fil-fatt nghid li jiena mort l-Isptar, ghamilt xi granet hemm izda mbaghad meta gejt discharged, bqajt id-dar ghaliex bqajt ma niflahx u wara kelli mmur l-isptar bhala out-patient."

Dr.Anthony Livori l-Agent-Superintendent fl-Isptar t'Ghawdex xehed li ezamina ir-records li hemm l-Isptar dwar ir-rikorrenti. Mir-records irrizulta li fit-2 ta' Lulju 1989, r-rikorrenti dahlet l-Isptar ghaliex kellha bzonn li jsir fuqha intervent. Hi dahlet f'din id-data u sarilha E.R.P.C. Jirrizulta li d-data tar-rilaxx kienet it-3 ta' Lulju 1989. Izda l-fatt li r-rikorrenti harget mill-Isptar gurnata wara li sar l-intervent fuqha, ma jfissirx li kienet fieqet.

Mario Borg Olivier rapprezentant tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku xehed li l-bord ta' l-ghazla sab lir-rikorrenti ineliggibli izda li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ma

inghatat  l-ebda spjegazzjoni mill-bord ta' l-ghazla ghala lir-rikorrent instabet ineliggibli.

Zied: "Mistoqsi min ikun li jahtar il-membri tal-bord ta' l-ghazla, nwiegeb li tasal rakkomandazzjoni mid-direttur generali tad-dipartiment koncernat u mbaghad  il-P.S.C. tista' taqbel jew ma taqbilx ma' dik ir-rakkomandazzjoni.  Nghid li normalment din  ir-rakommandazzjoni issir mid-dipartiment minn fejn tkun gejja is-sejha ghal applikazzjonijiet…"

Mario Vella ic-Chairman tal-Bord xehed li l-applikazzjonijiet kien ircevihom il-Labour Office u kien hemm xi kriterji pre-stabbiliti mill-Labour Office dwar l-eliggibilita` ta' l-applikanti. Kien hemm kriterju ta' perjodu ta' zmien li matulu applikant ried ikun jirregistra.  Xehed "Ghandi nifhem illi l-kandidati li deheru quddiem il-bord, l-applikazzjonijiet taghhom kienu gew ivvettjati mill-Labour Office qabel, ladarba intbaghtu quddiem il-bord ghall-interview.  Lill-applikanti kont baghat ghalihom jien…izda wara li kont ircevejt l-applikazzjonijiet mill-Labour Office.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi dan it-Tribunal ghandu l-provi li r-rikorrenti applikat ghal Hospital Auxiliary u li sar l-interview relattiv.  X'kienet ir-raguni ghaliex ma dahhlitx ma irrizultatx hlief ghal fatt li hi tghid li lilha qalula li ghax ma kellix zewg certifikati u li hi tghid li kellha raguni valida ghal dan.

Pero' ta' min isemmi li ma saret ebda prova mir-rikorrenti dwar x'kienet ir-raguni ufficjali ghaliex ir-rikorrenti ma inghatatx l-impieg.  Ma saru ebda provi dwar il-kwalifiki tar-rikorrenti hlief li hi xehdet dwarhom, izda ma sarux provi xi kwalifiki kellhom l-applikanti l-ohra.  Ma sarux domandi fuq ir-rekwiziti biex persuna tigi mdahhla tahdem.  Lanqas ma sar xejn dwar jekk gewx moghtija marki u fil-kaz kemm.  Ir-rikorrenti ma ipproducitx kopji tar-risposti ghall-ittri tat-13 ta' Settembru u 28 ta' Novembru 1991.  Dan ma jistax iwassal biex it-Tribunal jasal ghal fatt li saret ingustizzja.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimati.

Spejjez kontra r-rikorrenti.